# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 118/2015**

Il-Pulizija

vs

**Brandon Lee Psaila**

iben Fabio, imwieled Pieta’, fit-3 ta’ Mejju, 1998, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 189298(M)

Illum, 5 ta' Lulju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brandon Lee Psaila quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fid-19 ta’ Novembru, 2013 ghal habta ta’ 1400hrs, gewwa l-fond numru 103, Triq Sant’Orsola, Valletta u fil-Gzejjer ta’ Malta:

1. Talli fid-19 ta’ Novembru, 2013 minn fuq il-persuna ta’ Doris Vella fi Triq Sant’Orsola Valletta, ikkometta serq ta’ gojjelli, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta’

Doris Vella liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, bil-mezz u bil-lok;

2. Talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew xort'ohra sabiex jindahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. Talli minghajr ordni skont il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti u barra mil-kazijiet il fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Doris Vella ta' 76 sena kontra l-volonta' taghha;

4. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Doris Vella biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta kien jaf jew missu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkaguna biza'.

Il-Qorti ntalbet tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuna/i u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuna/i jiffrekwentaw.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i involuti u il-familja taghhom ai termini ta' l-artikolu 382A, 383, 384, 385 et sequitur tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti ntlabet li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a)(2), 263(b), 267, 269(g), 274(c), 275, 276A, 277, 278, 280, 251B, 17, 20 u 37(2) tal-Kodici Kriminali fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant ikkundannatu ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija li bl-

applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali ordnat lill-imputat ihallas l-ammont ta’ elf u mitejn Ewro (€1,200) lil Doris Vella fi zmien sitt (6) xhur f’rati mensili.

Oltre dan, ghas-sigurta’ ta’ Doris Vella u il-familja taghha, tpoggi lill-hati taht obbligazzjoni personali ta’ tmien mitt Ewro (€800) ghal zmien sena (1) mill-lum.

Astjeniet milli tiehu konjizzjoni dwar it-talba ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dwar l-ispejjez peritali billi ma rrizultax li kienu gew mahtura esperti.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza u kif ukoll jekk ma jhallasx l-ammont lill-parte leza.

Ordnat in-notifika ta’ din is-sentenza u ta’ l-atti lill-Avukat Generali fiz-zmien rikjest mil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Brandon Lee Psaila pprezentat fit-13 ta’ Marzu, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq indikati tal-6 ta' Marzu, 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonferma li mhux hati tat-tieni akkuzi u hati ta' l-ewwel, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi dan jinsab fil-piena tas-sentenza. Huwa importanti li nghidu li qabel dan il-kaz il-fedina penali ta' l-appellant kienet netta u hemm konswetudini kostanti tal-Qrati taghna li jaraw jekk hemmx alternattiva minn piena karcerarja u hafna drabi bhala kazijiet bhal dawn ma jinghatawx.

Illi min-numru tal-karta ta' l-identita jidher li l-appellant meta kkommetta r-reati meta huwa kien minuri u b'hekk il-piena ghandha tirrefletti dan ukoll.

Illi jidher li l-appellant ma bbenifika l-ebda benefficju talli ammetta l-kaz tieghu fl-ewwel seduta. Hawn ukoll hemm koswetudini legali li l-Qrati taghna tiehu in konsiderazzjoni li fatt li fl-ewwel seduta l-piena tkun anqas milli jekk ikkontesta l-akkuzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Fil-fehma tal-appellant il-piena hi wahda eccessiva. Jekk wiehed jara d-dicitura tas-sentenza l-ewwel Qorti hadet in kkonsiderazzjoni l-attenwanti kollha tal-kaz li jmorru mil-fatt li l-appellant hu minorenni, il-kollaborazzjoni shiha mal-pulizija, il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija tieghu.

Illi l-piena erogata mhix wahda karcerarja izda l-appellant gie kkundannat ghal piena ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin.

Illi tali piena hi wahda fil-parametri tal-ligi. Madanakollu, din il-Qorti hi tal-fehma li perjodu iqsar tas-sospensjoni tal-piena tkun wahda utli.

Ghaldaqstant, tichad l-appell tal-appellant fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija. Tilqa l-appell ta' Brandon Lee Psaila dwar iz-zmien tas-sospensjoni tal-piena u il-perjodu ta' tlett (3) snin tnaqqsu ghal perjodu ta' sentejn (2). Il-kumplament tas-sentenza hi konfermata.